MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 701/2014

**Elmo Insurance Ltd (C 3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Tanti f'ismu propju u f'isem id-ditta KWL Rent-A-Car u l-istess Paul Tanti f'ismu propju u f'isem id-ditta KWL Rent-A-Car.**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Transport f'Malta, Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Ottubru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' elfejn seba' mija tnejn u sebghin ewro u tletin centezmu (€2,772.30) mitluba f'dan l-avviz tirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Paul Tanti f'ismu propju u f'isem id-ditta KWL Rent-A-Car, assigurat tas-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited, u li ghalihom ghamlu tajjeb in kwantu ghall-ammont ta' elfejn hames mija sitta u disghin ewro u tlettin centezmu (€2,596.30) is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited, in kwantu ghall-ammont ta' mija sitta u sebghin ewro (€176) l-istess Paul Tanti f'ismu propju u f'isem id-ditta KWL Rent-A-Car, bhala rizultat ta'

incident illi sehh fi Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar, fid-9 ta' Ottubru, 2010 (Dok. 'A') meta waqt li Joseph Fenech kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DQZ-323, propjeta ta' Paul Tanti f'ismu propju u f'isem id-ditta KWL Rent-A-Car, saq minn fuq tappiera li kienet miftuha bil-konsegwenza li gew ikkagunati hsarat fl-imsemmija vettura.

Ghaldaqstant, il-konvenuti Awtorita' ghat-Transport f'Malta, l-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar u l-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-Ilma - jew minn minnhom - kienu responsabbli ghall-imsemmi incident u ghal konsegwenzjali danni bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni u imperizja.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru, 2012, u bl-imghax legali b'effett mit-8 ta' Ottubru, 2012 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

L-Awtorita' ghat-Transport f'Malta ipprezentat risposta fl-4 ta' Novembru, 2014 fejn eccepiet illi preliminarjament, l-Awtorita' intimata mhix il-legittima kontradittrici stante li t-Triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax taht il-kompetenza tal-Awtorita' intimata;

Illi preliminarjament, l-azzjoni rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' mhix responsabli ghall-allegat incident;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' intimata tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjubha kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjetajiet rikorrenti li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jigu kkontestati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilmaipprezentat risposta fit-12 ta' Novembru, 2014 fejn eccepiet illi, fl-ewwel lok, il-Korporazzjoni mhix edotta mill-fatti tal-kaz, stante li ma jirrizultaliex li kien sarillha xi rapport jew talba a tempo vergine ta' l-allegat incident;

Illi ghalhekk l-istess Korporazzjoni tirriserva li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jidrilha xierqa wara li tkun saret taf il-fatti tal-allegat incident;

Illi l-istess Korporazzjoni tichad kwalunkwe responsabbilita' ghall-allegat incidenti;

Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess Korporazzjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michudha, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Filwaqt illi l-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar ipprezenta risposta fil-25 ta' Novembru, 2014 illi in linea preliminarja t-talba ta' l-atturi hija preskritta ai termini ta' L-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Xehed PC 1454 li spjega illi waqt illi kien fl-Ghassa tal-Qawra kien mar Joseph Fenech u infurmah illi fi Triq il-Merluzz kien ghaddej bil-vettura DQZ 323 u baqa' diehel go drainage minhabba li kienet miftuha. Kienet ix-xita u ghalhekk ma setax jaraha bix-xita. Ghamel hsara kbira fil-vettura fosthom fl-airbags, clucth u seatbelt u gear box. Filfatt Joseph Fenech xehed u qal illi l-ilma minn got-tappira beda hiereg qisu funtana.

Xehed Frans Chircop Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali li spjega illi l-isprall tad-drainage jaqa' that il-kompetenza tal-Water Services.

Is-socjeta' attrici resqet il-provi dwar it-tiswijiet li saru fuq il-vettura.

Xehed Nicholas Baldacchino li kkonferma li Triq il-Merluzz taqa' taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda mressqa fejn gie ampjament ippruvata l-hsara li saret fuq il-vettura kif ukoll l-ammont tal-hsara. Giet ippruvata ukoll illi t-tappiera kienet miftuha u l-vettura waqghet go fiha ghalkemm kienet mixja bil-mod ghaliex kieku kien qed issuq b'velocita l-hsara kienet tkun ikbar. Is-sewwieq tal-vettura ma kellux il-possibilita li jevita din il-hofra avolja kien attent waqt is-sewqan tieghu. Ma jirrizulta minn imkien ghalxiex it-tappira kienet miftuha pero jirrizulta illi taqa taht ir-responsabilita tal-Water Services. Huwa dmir tal-Korporazzjoni illi tiehu hsieb il-manutenzjoni u tassikura illi s-sistema tlehhaq mal-htigijiet. F'dan il-kaz ma giex ippruvat illi l-maltempata kienet wahda eccessiva li kellha tohloq xi twaqqif jew tfixkil fis-sistema peress li ma rrizultax gharghar.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' it-talba attrici u filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta hlief dik tal-preskrizzjoni li qed tigi michuda ghax ma tirrizultax, jilqa' ukoll l-eccezzjoni tal-Kunsill Lokali hlief dik tal-Preskrizzjoni u jichad it-talbiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u tikkundana lil-istess Korperazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex thallas l-ammont ta' elfejn seba' mija tnejn u sebghin ewro u tletin centezmu (€2,772.30) in kwantu ghall-ammont ta' elfejn hames mija sitta u disghin ewro u tlettin centezmu (€2,596.30) is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited, in kwantu ghall-ammont ta' mija sitta u sebghin ewro (€176) l-istess Paul Tanti.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------